# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 3 ta' Mejju 2024**

**Fl-atti rikors ġuramentat numru 839/2023AB:**

**Wara l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1365/2023 maħruġ fl-1 t'Awissu 2023, fl-ismijiet:**

**Joao Pedro Moutinho De Miranda (KI 086209A) a nom u in rappreżentanza ta' Golden Nata Limited (C94128)**
**vs.**
**Dizz Limited (C 26823)**

**Rikors (numru 1444/2023) ta' Dizz Limited (C 26823) ai termini tal-artikoli 831, 836 u 838A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors fejn Dizz Limited talbet:

1. Li r-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1365/2023 maħruġ fl-1 t'Awissu 2023 jiġi dikjarat li kien null u bla effett stante li ma ġewx segwiti d-disposizzjonijiet tal-artikolu 831 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Li tħassar dan il-mandat in kwantu ai termini tal-artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-ammont mitlub mhux prima facie ġustifikat u huwa eċċessiv;
3. Tordna li tiġi rilaxxata l-garanzija depożitata in kawtela permezz ta' ċedola ta' depożitu bin-numru 1603/2023;

4. Tiddikjara li s-sekwestrant nomine naqas milli jinnotifika lis-soċjeta sekwestrata u jinterpellaha għall-ħlas qabel ma ġie intavolat il-mandat de quo u konsegwentement li tordna lis-sekwestrant nomine biex iħallas lis-soċjeta sekwestrata il-penali ai termini tal-artikolu 836(8) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Li ai termini tal-artikolu 838A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta fil-każ li l-Qorti ma tilqax it-talba għat-tneħħija tal-effetti tal-mandat ta' sekwestru de quo fl-intier, tordna lis-sekwestrant nomine sabiex jagħti garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi imposta u għad-danni u l-imgħax sofferti mis-soċjeta sekwestrata u li tordna li fin-nuqqas tiġi rilaxxjata l-garanzija depożitati biċ-ċedola numru 1603/2023,

u dan wara li in suċċint saħqet li

1. Il-mandat tas-sekwestru naqas milli jindika l-oriġini u x-xorta tat-talba meta fil-kawżali jingħad biss li dan jixtieq jikkawtela "bilanċ dovut mis-sekwestrata għat-telf" soffert mis-sekwestrant nomine. B'hekk naqas milli jippreżenta stampa ċara tal-jedd li ried jikkawtela jew l-oriġini tiegħu.
2. Ir-rikors kien ukoll null peress li Joao Pedro Moutinho De Miranda ma kienx awtorizzat li jirrappreżenta lil kumpanija rikorrenti.
3. Is-sekwestrant nomine ma kellu ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjeta sekwestrata in kwantu huwa kien daħal f'negozjati ma soċjetà oħra u mhux mal-intimata.
4. Il-mandat ma kienx prima faciae ġustifikat in kwantu s-sekwestrant nomine naqas milli jindika l-oriġini tal-kreditu vantat minnu. Din in-nuqqas t'informazzjoni trendi l-mandat de quo mhux prima facie ġustifikat peress li mill-att innifsu ma jirriżultax li s-soċjeta sekwestrata kienet parti minn xi negozjati mas-sekwestrant nomine.
5. Is-sekwestrant nomine qatt ma interpella lis-soċjeta sekwestrata qabel il-ħruġ tal-mandat għall-ħlas tal-bilanċ allegatament dovut u pretiż minnu. L-anqas ma saret xi talba għall-ħlas jew biex tiġi provduta xi sigurtà fi żmien ħmistax il-jum qabel il-ħruġ tal-mandat de quo. Dan il-mandat għalhekk inħareġ b'mod abbużiv u mhux biex verament ir-rikorrent jikkawtela l-pretensjonijiet tiegħu.
6. Dan il-mandat ikkaġuna danni inġenti lis-soċjeta sekwestrata li kienet kostretta toħroġ garanzija bankarja biex tagħmel tajjeb għas-soċjeta sekwestranta u biex jitneħħa l-effett tal-mandat tas-sekwestru, kif fil-fatt sar. Dan il-mandat kellu impatt negattiv u serju fuq l-operat tas-soċjeta sekwestrata u għalhekk kien hemm lok li jiġi ordnat jagħti garanzija xierqa għad-danni u imgħax li ser issofri s-soċjeta sekwestrata.

Rat ir-risposta tas-sekwestrant nomine li permezz tagħha wieġeb illi:

1. Is-soċjeta sekwestrata kienet provdiet garanzija bankarja biex setgħa jinħareġ kontromandat filwaqt li jibqgħu salvagwardati l-jeddijiet tar-rikorrenti;
2. Li din il-Qorti ma kienetx kompetenti tiddeċiedi dan ir-rikors peress li ma kienetx l-istess Qorti li ħarġet il-kontro-mandat għall-mandat ta' sekwestru de quo kif jgħid l-artikolu 836(7) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
3. L-artikolu 831 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jelenka r-rekwiżiti għall-validita tal-att kawtelatorju u dan il-mandat kien jissodisfa l-vot ta' dak l-artikolu in kwantu s-sekwestrant kien semma kemm l-oriġini tad-dejn li ried jikkawtela kif ukoll l-ammont relattiv. F'dan il-każ is-sekwestrant nomine spjega brevement kemm l-oriġini kif ukoll l-ammont u ma kienx meħtieġ li jidħol fil-meritu tat-talba tiegħu. Dan kien każ ta' danni konsegwenti tmiem ta' negozjati in mala fede u b'hekk ma kienx laħaq sar kuntratt. Ma jfissirx b'daqshekk li ma kienx hemm relazzjoni bejn il-partijiet.
4. F'dan il-każ mill-att innifsu kienet tirriżulta r-raġuni għaliex inħareġ il-mandat u b'hekk ġie muri sal-grad prima facie l-ħtieġa tiegħu.
5. Il-ħruġ tal-mandat de quo ma kienx abbużiv tant li ġie segwit b'kawża fil-meritu.
6. Is-sekwestrant nomine kien ġie awtorizzat b'riżoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi tal-kumpanija biex jaġixxi f'isimha – għalkemm bi żball amministrattiv il-kopja tar-riżoluzzjoni ma kienetx iffirmata. Biss awtorizzazzjoni bil-miktub biex jiftaħ il-proċeduri kellu.
7. Bejn il-partijiet kien hemm relazzjoni ġuridika minħabba negozjati li kien hemm bejniethom li però fallew minħabba malafede u qerq tas-soċjeta sekwestrata. Kien ir-rikors revoka li kien frivolu u vessatorju u mhux il-mandat.
8. Is-sekwestrant nomine ma għamilx użu abbużiv mill-mandat de quo in kwantu segwih b'kawża. Ma ġiex muri li s-sekwestrant nomine mexa b'imprudenza, traskuraġni jew nuqqas ta' ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.
9. Is-soċjeta sekwestrata ma wrietx li hemm kawża ġusta biex is-sekwestrant nomine jiġi ordnat jagħti garanzija għad-danni u imgħax kif mitlub.

**Ikkunsidrat**

1. Dwar il-preġudizzjali tal-inkompetenza ta' din il-Qorti sollevata mis-sekwestrant nomine fis-sens li din il-Qorti ma kienetx kompetenti

tiddeċiedi dan ir-rikors peress li ma kienetx l-istess Qorti li ħarġet il-kontro-mandat għall-mandat ta' sekwestru de quo kif jgħid l-artikolu 836(7) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jingħad li qabel xejn dan irid jinqara fl-isfond ta' dak li jgħid l-artikolu 836 b'mod sħiħ. Dan jibda jgħid hekk:

> (1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

2. Imbagħad l-istess artikolu fis-subinċiż (7) jgħid:

> (7) Minkejja li tiġi depożitata fir-reġistru tal-qorti garanzija xierqa sabiex tiġi sodisfatta t-talba tal-persuna li, fuq talba tagħha, l-att kawtelatorju jkun inħareġ, il-qorti li tkun ħarġet il-kontromandat taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu tkun għadha tista', fuq talba li ssir b'rikors minn persuna li jkollha interess, tinvestiga jekk l-att kawtelatorju relattiv setax isir jew le u l-qorti tista' wkoll tordna t-tnaqqis tal-ammont tal-garanzija depożitata jew tiddikjara l-att kawtelatorju kontra l-liġi, f'liema każ tal-aħħar għandha tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa, inkluż, jekk ikun il-każ, ir-radd lura tal-garanziji lid-debitur.

3. Dawn iż-żewġt disposizzjonijiet moqrija flimkien juru li jista' jkun hemm minn tal-inqas tliet stadji li jolqtu mandat kawtelatorju u li jistgħu jsiru quddiem "Qrati differenti":
   (a) it-talba tal-ħruġ tiegħu, u
   (b) it-talba għat-tħassir tiegħu, f'kollu jew f'parti minnu; u
   (c) it-talba għal ħruġ ta' kontromandat.

4. Il-ħruġ ta' mandat kawtelatorju jsir mill-Qorti kompetenti presjeduta mill-ġudikant, f'dan il-każ Imħallef, u dak li tipikament ikun imissu t-turn. F'dak is-sens allura dik tkun il-Qorti li tkun ħarġet dak il-mandat.

5. Is-sekwestrat ikun jista' jitlob it-tneħħija tal-mandat, kollu jew f'parti minnu. Dik it-talba tista' ssir jew lil dik il-Qorti li tkun ħarġet dak il-mandat kawtelatorju, inkella, ġaladarba l-mandat ikun ġie segwit b'kawża, dik it-talba tkun tista' ssir quddiem dik il-Qorti li tkun adita biex titratta l-kawża.[1]

[1]Ikun aħjar li wara li ssir il-kawża, rikors għar-revoka ta' mandat kawtelatorju jsir quddiem dik il-Qorti li tkun qegħda tisma' l-kawża in kwantu din tkun fl-aħjar qagħda li tagħmel l-evalwazzjoni tat-talba għar-revoka fl-isfond tal-fatti li tkun bdiet issir midħla tagħhom fl-analiżi tagħha tal-meritu tal-każ. Fil-fatt, anke jekk ir-rikorrent għandu għażla fejn jippreżenta t-talba tiegħu, hija prassi li anke fejn rikorsi għal

6. Meta titkellem dwar rikors għar-revoka ta' mandat kawtelatorju l-istess Liġi tippreskrivi distinzjoni bejn dik il-Qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju u dik il-Qorti li tkun qed titratta l-kawża li tkun saret wara l-ħruġ tiegħu.

7. Biss fl-artikolu 836(7) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Liġi ssemmi l-effetti li jista' jkun hemm meta persuna tippresta garanzija xierqa wara l-ħruġ ta' mandat kawtelatorju biex tagħmel tajjeb għall-pretensjoni tal-persuna li tkun ħarġet il-mandat kawtelatorju - iżda li fl-istess waqt tkun trid ukoll li jitneħħa l-effett tal-mandat kawtelatorju minn fuqha. Dan ikun jista' jsir b'talba għal ħruġ ta' kontromandat.[2]

8. Għalkemm tkun ġiet preżentata garanzija xierqa u allura jkun jista' jinħareġ il-kontromandat mill-Qorti, b'daqshekk ma jfissirx li l-effetti tal-mandat ikunu spiċċaw. Min għandu interess jista' jagħmel talba b'rikors biex il-Qorti tinvestiga jekk l-att kawtelatorju relattiv setax isir jew le; u l-Qorti tista' wkoll tordna t-tnaqqis tal-ammont tal-garanzija depożitata jew tiddikjara l-att kawtelatorju kontra l-liġi, f'liema każ għandha tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa, inkluż, jekk ikun il-każ, ir-radd lura tal-garanziji lid-debitur.

9. Skont l-artikolu 836(7) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti li tkun ħarġet il-kontromandat tkun għadha tista', fuq talba li ssir b'rikors minn persuna li jkollha interess, li tagħmel dak l-istħarriġ. Hawnhekk il-Liġi tagħmel riferenza għal dik il-Qorti li tkun ħarġet il-kontromandat **bħala dik il-Qorti li tkun għadha tista' tagħmel dak l-istħarriġ.** B'daqshekk ma jfissirx li l-Qorti kompetenti li tkun vestita bil-meritu tal-vertenza u li tkun qegħda titratta talba għal tħassir ta' rikors **ma tistax ukoll** tistħarreġ talba simili. Dan l-artikolu jfisser li anke jekk il-każ jew l-istħarriġ tal-mandat ikun mexa quddiem xi Qorti oħra, bħal dik li tkun adita bil-meritu, it-talba taħt l-artikolu 836(7) tal-Kap 12 tista' ssir ukoll quddiem il-Qorti li tkun ħarġet dak il-kontromandat.

10. Għalhekk din il-preġudizzjali qegħda tiġi miċħuda u din il-Qorti tqis li anke din il-Qorti, għalkemm mhux presjeduta mill-imħallef li ffirma l-kontromandat, xorta waħda hija Qorti kompetenti sabiex tieħu konjizzjoni tar-rikors għar-revoka de quo.

revoka jiġu intavolati mhux quddiem dik il-Qorti adita bis-smiegħ tal-kawża, dawn il-proċeduri jiġu rimessi lil dik il-Qorti mill-imħallef li jkun imissu t-turn li quddiemu jkun ġie riferut dak ir-rikors.

[2] Normalment, dan il-kontromandat jinħareġ ukoll mill-Imħallef li jkun imissu t-turn. U jista' allura jkun ukoll Imħallef differenti minn dak li jkun qed jisma' l-kawża. U huwa preċiżament dan li għalih qiegħed jipprovdi l-artikolu 836(7) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

11. Is-sekwestrata issostni li l-mandat tas-sekwestru naqas milli jindika l-oriġini u x-xorta tat-talba meta fil-kawżali jingħad biss li dan jixtieq jikkawtela "bilanċ dovut mis-sekwestrata għat-telf" soffert mis-sekwestrant nomine. B'hekk naqas milli jippreżenta stampa ċara tal-jedd li ried jikkawtela jew l-oriġini tiegħu.

12. Din il-Qorti ma taqbilx. Għalkemm is-sekwestrant kien telegrafiku fl-istqarrija tiegħu dwar x'kienu l-kawżali wara t-talba għall-ħruġ tal-mandat ma jistax jingħad li ma laħaqx is-solja minima indispensabbli tal-vot tal-liġi. Setgħa offra spjegazzjoni iżjed dettaljata, veru. Iżda ma jistax jingħad li naqas milli jispjega l-oriġini u x-xorta tad-debitu.

13. Is-sekwestrata tgħid ukoll li r-rikors kien ukoll null peress li Joao Pedro Moutinho De Miranda ma kienx awtorizzat li jirrappreżenta lil kumpanija rikorrenti.

14. Anke hawn din il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument. Għalkemm ġie rikonoxxut li De Miranda mhux ir-rappreżentant ġudizzjarju tas-soċjeta sekwestranta miktub fuq l-istatut tagħha, irriżulta li kien awtorizzat b'riżoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi bil-miktub biex jidher għaliha.

15. Is-sekwestrata ssostni wkoll li s-sekwestrant nomine ma kellu ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjeta sekwestrata in kwantu huwa kien daħal f'negozjati ma soċjetà oħra u mhux l-intimata.

16. Fil-fehma ta' din il-Qorti din il-kwistjoni hija waħda li tolqot il-meritu tal-kwistjoni u mhix sindikabbli f'din l-istanza.

17. Argument ieħor imressaq mis-sekwestrata huwa li l-mandat ma kienx prima faciae ġustifikat in kwantu r-rikorrent naqas milli jindika l-oriġini tal-kreditu vantat minnu. Tgħid li dan in-nuqqas t'informazzjoni irendi l-mandat de quo mhux prima facie ġustifikat peress li mill-att innifsu ma jirriżultax li s-soċjeta sekwestrata kienet parti minn xi negozjati mas-sekwestrant nomine.

18. Din il-parti tat-talba tar-rikorrenti hija bażata fuq l-artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan il-każ allura jrid jiġi mistħarreġ jekk is-sekwestrant ikollux, mal-ewwel daqqa t'għajn

(prima faciae), bażi għall-pretensjoni tiegħu (fumus iuris) biex ikun jista' jikkawtela l-pretensjonijiet tiegħu.[3]

19. Biex il-Qorti tasal għall-konklużjoni tagħha allura jekk mandat kawtelatorju għandux jiġi mħassar taħt dan l-artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija trid tistħarreġ jekk u safejn il-kawżali tal-mandat kawtelatorju tkun tista' tintrabat mal-kreditu li jkun qiegħed jiġi pretiż u msemmi fl-istess mandat. Huwa għalhekk li l-Qorti trid tistħarreġ jekk mal-ewwel daqqa t'għajn ikunx jirriżulta li r-rikorrent ikollu bażi għall-pretensjoni tiegħu u f'każ li l-Qorti ssib li hemm din il-bażi imbagħad tgħaddi biex tistħarreġ jekk ir-rikorrent eżekutant ikunx wasal li juri, dejjem mal-ewwel daqqa t'għajn, li l-pretensjoni pekunjarja msemmija minnu tkun taqbel mal-ammont maħluf fuq il-mandat.[4]

20. Mandat kawtelatorju jinħareġ taħt ir-responsabbilita' tar-rikorrent. Għalkemm dawn il-Qrati ma jesiġux formaliżmi esaġerati f'dak l-istadju, mill-banda l-oħra ma jfissirx li dawn il-mandati jistgħu jsiru b'leggerezza, b'non kuranza jew bi traskuragni. Wisq anqas għandhom isiru b'abbuż, b'mod frivolu jew vessatorju, b'intenzjoni qarrieqa, jew b'finalita' ta' "arms twisting" kontra dawk li jkunu ġew maħruġa.

21. Kif ingħad iżjed il-fuq, dil-Qorti jidhrilha li l-mandat ta' sekwestru de quo jindika fih l-elementi minimi bażiċi biex ikun jista' jitqies li jissodisfa l-vot tal-artikolu 831 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Bil-ġurament tas-sekwestrant nomine ġie pruvat ukoll li "prima facie" l-ammont reklamat kien dovut kif mistqarr fuq il-mandat. L-anqas ma ġie muri, sal-grad rikjest, li l-ammont mitlub fil-mandat kien eċċessiv.

22. Mill-banda l-oħra f'dan il-każ huwa paċifiku illi permezz taċ-ċedola ta' depożitu bin-numru 1603/2023 ġiet preżentata garanzija bankarja fl-ammont tas-sorte. Dan wassal għall-ħruġ tal-kontromandat relattiv li jġib in-numri 1399 tal-2023. Fi kliem is-sekwestrant nomine stess, dan "ġie akkordat kontro-mandat u dan wara li r-rikorrenti provdiet id-debita garanzija bil-għan li jibqgħu jiġu ikkawtelati d-drittijet tal-esponenti".

---

[3] Ara **Casino-For-Me Limited vs. Chartwell Games (Malta) Limited**, deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar il- 5 ta' Settembru 2008.
[4] Ara **Avv J.J. Vella noe v Eden Irish Aircraft Leasing MSN 204 Limited** deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar il-5 ta' Diċembru 2012.

23. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan id-depożitu kien jikkostitwixxi dak li l-artikolu 836(1)(ċ) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jippreskrivi bħala "dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni". Biss it-tieni talba tas-soċjeta sekwestrata kienet bażata fuq l-artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux ukoll fuq dak dispost mill-artikolu 836(1)(ċ) tal-istess Kap. B'hekk ma tistax tiddeċiedi lil hinn minn dak mitlub lilha.

**Talba għal imposizzjoni tal-penali fis-sensi tal-artikolu 836(8)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.**

24. Is-sekwestrata saħqet li s-sekwestrant nomine qatt ma interpellaha qabel il-ħruġ tal-mandat għall-ħlas tal-bilanċ allegatament dovut u pretiż minnu. L-anqas ma saret xi talba għall-ħlas jew biex tiġi provduta xi sigurtà fi żmien ħmistax il-jum qabel il-ħruġ tal-mandat de quo. Dan il-mandat għalhekk inħareġ b'mod abbużiv u mhux biex verament ir-rikorrent jikkawtela l-pretensjonijiet tiegħu.

25. Minn naħa tiegħu is-sekwestrant nomine jgħid li ma għamilx użu abbużiv mill-mandat de quo in kwantu segwih b'kawża. Ma ġiex muri li s-sekwestrant nomine mexa b'imprudenza, traskuraġni jew nuqqas ta' ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.

26. Fuq il-materja tal-penali f'dan il-kuntest, din il-Qorti diversament presjeduta fil-proċedura fl-ismijiet **Joseph Tabone vs. Capece Construction Limited** deċiża fl-14 t'Awissu 2013 intqal:

> Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż. F'dan il-każ, ir-rikorrenti eżekutata ssemmi żewġ ċirkostanzi

msemmija fl-artikolu 836(8) u jiġifieri li l-eżekutant naqas li jiġġustifika li l-Mandat kellu jinħareġ jew li, fil-ħmistax-il jum ta' qabel ma talab il-ħruġ tal-Mandat, naqas li jinterpella lill-eżekutata għall-ħlas [836(8)(b)]; u li l-Mandat inħareġ b'ħażen u b'mod fieragħ u abbużiv [836(8)(d)];

Illi dwar l-ewwel ċirkostanza, l-liġi trid li qabel ma jinħareġ Mandat (u sakemm ma jkunx hemm raġunijiet ċari ta' urġenza) l-eżekutant jitlob lid-debitur tiegħu fi żmien ħmistax-il jum, biex iħallsu d-dejn li għandu miegħu. Daqstant ieħor trid li, wara li jkun inħareġ il-Mandat, l-eżekutat jitlob lill-eżekutant biex ineħħi l-Mandat u dan tal-aħħar jonqos li jagħti raġuni tajba biex iżomm dak il-Mandat fis-seħħ; Illi t-talba li ssemmi l-liġi ma tridx tkun tabilfors waħda solenni fis-sura ta' att ġudizzjarju jew kawża formali, u biżżejjed tkun waħda verbali.

27. Din il-proċedura ta' imposizzjoni ta' penali ġiet ritenuta bħala kwistjoni t'ordni pubbliku. Biex din il-penali tkun tista' tiġi imposta, huwa biżżejjed li r-rikorrent jipprova li tkun seħħet xi waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi in kwantu dawn ma humiex kumulattivi iżda alternattivi għal xulxin. Il-penali, isimhom magħhom, huma forma ta' "poena", sanzjoni, imposti mill-Liġi fil-każijiet fejn tkun ġiet pruvata almenu waħda minn dawk iċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafi (a) sa (d) imsemmija. Peress li jagħtu lok għal penali, dawn iċ-ċirkostanzi huma eżawrjenti u ma jgħoddx li jiżdiedu raġunijiet oħra magħhom.

28. Dawn il-penali jsibu l-bażi u r-raġuni tagħhom fuq in-neċessita li tiġi mħarsa s-serjeta li trid il-Liġi fit-tħaddim tal-istitut tal-mandati kawtelatorji. Dan l-istitut jaf ikollu, u jħalli, effetti serji immens fuq il-ħajja, saħħa, integrita jew disponibilita patrimonjali tal-persuna milquta mill-ħruġ tal-mandat. Għalhekk daqskemm il-Liġi tippermetti l-użu leġittimu, xieraq u in buona fede ta' dawn il-mandati biex persuna tikkawtela l-jeddijiet tagħha meta u fejn jixraq, daqstant ieħor l-istess Liġi tħares bl-ikrah lejn min juża dawn il-miżuri għal skopijiet ħżiena, b'qerq jew b'animu ħażin. Dan għaliex il-Liġi ma tridx min jabbuża mill-proċess ġudizzjarju; u min jazzarda jagħmel dan imbagħad irid iwieġeb għal għemilu billi jeħel is-sanzjoni imsemmija fil-Liġi.[5]

29. B'hekk meta persuna tiġi biex toħroġ mandat kawtelatorju trid, <u>inter alia</u>, tqis:

[5] Ara **John Zarb vs. Port Cottonera Limited** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-18 ta' Settembru 2002.

(a) li jkollha <u>pretensjoni</u> x'tikkawtela li tkun <u>vera</u>, <u>leġittima</u> u <u>dimostrabbli</u>;
(b) li jkollha l-<u>ħtieġa</u> li tirrikorri għall-ħruġ ta' mandati kawtelatorji biex tikkawtela dik il-pretensjoni;
(c) li jkollha <u>ġustifikazzjoni</u> fil-ħruġ ta' dak il-mandat;
(d) li – salv f'każijiet urġenti - il-ħruġ ta' dan il-mandat kawtelatorju <u>ma jkunx sar ħin qabel il-waqt</u> jew mingħajr ma l-intimat ikun ġie <u>msejjaħ</u> biex jagħmel tajjeb għall-pretensjoni tar-rikorrent;
(e) li salv f'każijiet urġenti u f'każ ta' dejn mhux likwidu, li tkun <u>talbet lill-intimat jipprovdi sigurtà biżżejjed</u> biex jagħmel tajjeb għall-pretensjoni tar-rikorrent;
(f) in-<u>nuqqas ta' raġonevolezza</u> tal-ħruġ ta' dak il-mandat meta l-intimat ikun magħruf sew li ma jkollux problemi ta' likwidita' u fejn ma jkunx hemm raġuni li dik il-persuna tiddubita mill-likwidita tal-intimat u l-kapaċita tiegħu li jħallas u jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tagħha;
(g) li t-talba għall-ħruġ tal-mandat kawtelatorju tkun saret <u>in buona fede</u> u ma tkunx saret b'malizzja jew inkella tkun frivola jew vessatorja; u
(h) li tkun <u>segwiet it-talba</u> għall-ħruġ tal-mandat bil-proċedura ġudizzjarja għall-aċċertament tal-jeddijiet pretiżi minnha li jkunu jaqblu u jsegwu mal-kawżali indikati fir-rikors għall-ħruġ tal-mandat kawtelatorju.

30. Fil-każ li persuna tottjeni l-ħruġ ta' mandat kawtelatorju bi ksur ta' xi wieħed minn dawn ir-raġunijiet imsemmija fil-Liġi, il-persuna li kontra tagħha jkun inħareġ dak il-mandat għandha r-rimedju mogħti lilha mill-Liġi mhux biss li titlob it-tħassir tal-mandat kollu kemm hu jew parti minnu fis-sensi tal-artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; iżda saħansitra li titlob lil Qorti biex twaħħal lil min ikun ħareġ dak il-mandat kawtelatorju dik il-penali msemmija fil-Liġi.[6] Allura f'dak il-każ, dik il-persuna imbagħad tkun qegħda tesponi lilha nnifisha għall-possibilita li tiġi sanzjonata mill-Qorti billi tiġi kundannata tħallas il-penali li ssemmi l-Liġi f'dan l-artikolu 836(8)(a) sa (d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.[7]

31. F'dan il-każ, il-Qorti innutat li s-sekwestrant nomine naqas milli jirribatti l-allegazzjoni tas-sekwestrata dwar in-nuqqas ta'

[6] U dan oltre dak previst mill-artikolu 836(9) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta iżda li f'dan il-każ il-Qorti mhix se tiddelunga wisq fuqu in kwantu ma kienx hemm talba appożita għal danni wkoll taħt dan is-subartikolu.
[7] Ara **Cole Foods Ltd. vs. Euro Imports Ltd** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-13 ta' Marzu 2003 u **Farrugia vs. C&F Building Contracters Ltd.** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar l-14 ta' Awissu 2014.

interpellazzjoni jew provvista ta' sigurtà fit-terminu statutorju. F'dan il-kuntest is-sekwestrant nomine l-anqas ma wera li kien hemm xi raġunijiet ta' urġenza għall-ħruġ tal-mandat.

32. B'hekk jirriżulta li t-talba tar-rikorrenti għall-imposizzjoni tal-penali skont dan l-artikolu 836(8)(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija ġustifikata. Fiċ-ċirkostanzi il-Qorti tqis li għandha timponi l-penali fil-minimum tagħhom fl-ammont ta' elf mija u erbgħa u sittin ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

**Talba għal imposizzjoni ta' garanzija għal ħlas ta' penali fis-sensi tal-artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.**

33. Kif intqal fil-proċedura fl-ismijiet: **Greyhound International Limited vs. Josette Berry et** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar id-9 ta' Jannar 2014:

> Illi dwar it-talba tar-rikorrenti eżekutata għall-għoti ta' garanzija irid jingħad li l-liġi trid li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-ħtija kif imfissra fl-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili;
>
> Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju u bħala konsegwenza ta' tali ħruġ, u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni;
>
> Illi l-ammont tal-garanzija li jrid jiġi iffissat irid iżomm bilanċ xieraq bejn il-jedd li persuna tressaq att kawtelatorju biex tħares il-pretensjonijiet tagħha f'kawża pendenti, u l-effett li tali att iħalli fuq il-persuna li kontra tagħha jinħareġ dak il-Mandat. Ta' min jgħid hawnhekk li l-ordni biex tingħata garanzija mhijiex l-istess bħal kundanna ta' penali jew kundanna għall-ħlas ta' danni: l-għan waħdieni tagħha huwa li tqiegħed lill-parti eżekutata f'qagħda li, meta u jekk tintemm proċedura jew kawża għal dan il-għan, issib assi li fuqhom tkun tista' teżegwixxi deċiżjoni favorevoli għaliha;
>
> Illi, b'żieda ma' dan kollu, talba għall-għoti ta' garanzija taħt l-artikolu 838A tal-Kap 12 tista' tintlaqa' biss, bħal f'dan il-każ tallum, fejn ma tkunx intlaqgħet it-talba għat-tħassir tal-Mandat;
>
> Illi l-eżekutanti ma semmiet xejn dwar din it-talba tal-eżekutati fin-Nota bis-sottomissjonijiet tagħha;

Illi meta jittieħed b'qies ta' dawn iċ-ċirkostanzi flimkien, il-Qorti ssib li l-eżekutati seħħilhom juruha fil-grad tal-prima facie li hemm tabilħaqq raġuni tajba li twassalha biex tordna lill-intimata eżekutanti tintrabat bil-garanzija maħsuba fl-artikolu 838A tal-Kap 12. Din iċ-ċirkostanza toħroġ mid-dokumentazzjoni mressqa mill-eżekutanti nnifisha u wkoll minn dik imressqa mill-eżekutati. Kemm hu hekk, jirriżulta li l-eżekutanti ma kellha l-ebda ġid jew assi f'Malta, minbarra l-fatt li d-direttriċi/azzjonista waħdanija llum ma tinsabx f'Malta. Il-pretensjonijiet tal-eżekutanti huma ta' ċerta konsistenza u xejn anqas serji jidhru l-pretensjonijiet "rikonvenzjonali" tal-eżekutati;

Illi wara li qieset il-fatti kollha tal-każ u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-partijiet, il-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li għandha tordna t-tqegħid min-naħa tal-eżekutanti ta' garanzija xierqa biex tagħmel tajjeb għall-eventwalita' ta' ħsara, imgħax u spejjeż li r-rikorrenti eżekutati jistgħu juru li ġarrbu minħabba l-ħruġ tal-Mandat.

Il-Qorti qiegħda tistabilixxi tali garanzija fis-somma ta' ħamsin elf euro (€ 50,000), liema garanzija għandha titressaq fi żmien għoxrin (20) jum minn dak inhar li kopja ta' dan il-provvediment tkun notifikata lill-eżekutanti, liema notifika għandha ssir mill-eżekutati u bi spejjeż għalihom. Jekk il-garanzija ma titressaqx, il-Mandat għandu jitħassar.

34. Illi f'dan il-każ, il-Qorti – li hija adetta wkoll bil-kawża fil-meritu – rat li s-soċjeta sekwestrata preżentat talba rikonvenzjonali kontra s-sekwestrant nomine fejn qegħda żżommu responsabbli għad-danni li hija allegatament sofriet in segwitu għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 1365 tal-2023 u l-proċeduri ġudizzjarji li segwewh. Biss, a differenza tal-kawża **Greyhound International Limited** imsemmija iżjed il-fuq, għalkemm din il-Qorti tat lok lil partijiet sabiex iressqu dokumenti u sottomissjonijiet dwar il-posizzjonijiet rispettivi tagħhom, inkluż billi tagħthom udjenza biex fiha jagħmlu sottomissjonijiet oltre r-risposti tagħhom, s'issa ma tresqu ebda provi – dokumentarji u mhux – dwar dawn id-danni li ġew allegatament sofferti mis-soċjeta sekwestrata fl-atti ta' dan ir-rikors. B'hekk din il-Qorti mhix f'qagħda li f'dan l-istadju tagħmel evalwazzjoni dwar kemm tista' tistabbilixxi bħala ammont ta' garanzija għal danni u imgħax in kwantu ma hemm ebda prova jew stqarrija dwar kemm dawn jistgħu jlaħħqu.

35. Mill-banda l-oħra tista' tistabbilixxi somma li tista' sservi ta' garanzija għal ħlas ta' penali li tista' tiġi imposta, u f'dan il-każ, il-Qorti sejra tistabbilixxi l-ammont proviżorju ta' ħamest elef u tminn mitt euro (€5800).

**KONKLUZJONI**

**Għall-motivi premessi, din il-Qorti qegħda:**

1. **Tiċħad il-preġudizzjali tas-sekwestrant nomine dwar l-inkompetenza ta' din il-Qorti u b'hekk tiddikjara li għandha kompetenza sabiex tistħarreġ, titratta u tiddeċiedi dan ir-rikors;**

2. **Tiċħad l-ewwel talba tas-soċjeta sekwestrata fejn issolevat in-nullita tar-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru bin-numri 1365 tal-2023 u dan peress li din il-Qorti ssib li dan jissodisfa l-vot u rekwiżiti minimi tal-artikolu 831 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;**

3. **Tiċħad it-tieni talba għaliex is-soċjeta sekwestrata ma wrietx għaliex il-mandat de quo għandu jiġi mħassar fis-sensi tal-artikolu <u>836(1)(d)</u> tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;**

4. **Konsegwentement tiċħad it-tielet talba;**

5. **Tilqa' r-raba' talba għall-imposizzjoni tal-penali skont l-artikolu 836(8)(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta għar-raġunijiet premessi iżjed il-fuq u fiċ-ċirkostanzi l-Qorti timponi l-penali kontra s-sekwestrant nomine fl-ammont ta' elf mija u erbgħa u sittin ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69);**

6. **Filwaqt li tiċħad it-talba għar-rilaxx tal-garanzija bankarja u għall-imposizzjoni ta' garanzija xierqa għal danni u imgħaxijiet, fis-sensi tal-artikolu 838A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta tilqa' l-ħames talba limitatament billi timponi biss garanzija xierqa għall-ħlas ta' penali kontra s-sekwestrant nomine b'mod li l-istess sekwestrant nomine għandu jipprovdi garanzija bankarja fl-ammont ta' ħamest elef u tminn mitt euro (€5,800) fi żmien għoxrin (20) jum minn dak inhar li kopja ta' dan il-provvediment tkun notifikata lis-sekwestrant nomine, liema notifika għandha ssir mis-soċjeta sekwestrata u bi spejjeż għaliha. Jekk dil-garanzija ma titressaqx, il-Mandat għandu jitħassar.**

**Tordna li l-ispejjeż ta' din il-proċedura jinqasmu bejn il-partijiet f'żewġ terzi (2/3) għas-soċjeta sekwestrata rikorrenti u terz (1/3) għall-intimat sekwestrant nomine.**

**Ft/Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**